**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019**

**Rikors Guramentat numru:- 24/2019BS**

**HSBC Bank Malta Plc**

**vs**

**Stefan Scicluna**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf ipprezentat fit-28 ta' Frar 2019 minn P.L.Catherine Fenech detentrici tal-karta ta' l-identita 408558M ghan-nom u in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c. (minn issa 'l quddiem "is-socjetà attriċi") u mahluf minnha stess, li jghid kif gej:

1. Illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' mija wiehed u tmenin elf mija mija u hdax-il Ewro u zewg centezmu (€181,111.02) dovuti kif sejjer jigi spjegat hawn taht:

   a. Ammont ta' €14,185.99 restituzzjoni ta' kapital fuq *Rescheduled loan* fuq il-kont numru 071-184382-341, u €8,697.59 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sat-2 ta' Ottubru 2018. Inizjalment dan is-self kien jirrapprezenta debitu fuq is-*savings account* numru 071-184832-050 u *current aaccount* numru 071-184832-001.

b. Ammont ta' €7,103.62 restituzzjoni ta' kapital fuq *Rescheduled Loan* numru 071-184382-340, u €4,373.83 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sat-2 ta' Ottubru 2018. Inizjalment dan is-self kien jirrapprezenta debitu fuq il-Visa card numru 4035710035657530.

c. Ammont ta' €3,164.66 restituzzjoni ta' kapital fuq Flexicredit kont numru 071-184382-301, u €2,087.36 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sat-2 ta' Ottubru 2018.

d. Ammont ta' €88,515.69 restituzzjoni ta' kapital fuq *Home loan* ikkuntrattata bis-sahha ta' kuntratt ippubblikat min-nutar Paul George Pisani tal-20 ta' April 2009, u €52,982.28 imghaxijiet fuq dan l-ammont b'effett sat-2 ta' Ottubru 2018.

Oltre nteressi legali ta' 8% fis-sena ulterjuri b'effett mit-3 ta' Ottubru 2018 sal-effettiv pagament;

2. Illi minkejja li gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2011 u tat-23 ta' Gunju 2011 sabiex jirregola ruhu u jhallas l-ammont dovut minnu, l-intimat baqa' inadempjenti;

Talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' mija wiehed u tmenin elf mija u hdax-il Ewro u zewg centezmu (€181,111.02) dovuti kif fuq inghad, oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8%, dovuti mit-3 ta' Ottubru 2018 sal-pagament effettiv;

2. Tikkundannah sabiex ihallas dan l-ammont globali ta' mija wiehed u tmenin elf mija mija u hdax-il Ewro u zewg centezmu (€181,111.02), flimkien ma' interessi ulterjuri fuq l-ammont globali ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta Malta b'effett mit-3 ta' Ottubru 2018 sal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali fuq imsemmija u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-Digriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2019, li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-16 ta' April, 2019;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' April, 2019 is-socjeta' attrici nfurmat lill-Qorti illi l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' tranzazzjoni u sabiex ma jizdiedux l-ispejjez l-istess socjeta' attrici kienet qed taqbel illi z-zmien tal-prezentata tar-risposta jigi estiz sas-seduta illi jmiss.

Rat illi fis-seduta sussegwenti cioe' dik tal-11 ta' Gunju, 2019, l-abbli difensuri tal-partijiet konguntivament ipprezentaw dokument immarkat BS1, fejn minnu jirrizulta numru ta' kundizzjonijiet li gew miftehma wara l-laqgha illi l-partijiet kellhom fl-24 ta' Mejju, 2019 u liema kundizzjonijiet jolqtu l-proprjeta' "Casa Scicluna", Appartament numru 1, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex, u liema kundizzjonijiet qed jigu riprodotti hawnhekk:

*i)* *"The works on the common parts related to the above mentioned property need to start by September, 2019.*

*ii)* *A promise of sale need to be signed by end of June 2020, by which final deed is to be concluded by 31 December 2020.*

*iii)* *A bulk deposit of €4800 is to be effected by 30 June 2019 representing 12 monthly deposits from January 2019 to December 2019.*

*iv)* *A monthly deposit of €400 is to be effected from January 2020 on a regular basis until term of loan not exceeding 31 December, 2020.*

*In case of default of the above being effected within the period above indicated, the bank reserves the right to unilaterally withdraw this concession without advance warning and shall, in such event, proceed to ensure that its position at law towards recovering its credit in full be maintained."*

Rat illi l-partijiet ftehmu illi l-kundizzjonjiet surreferiti ghandhom jigu nkorporati fis-sentenza, liema sentenza ghandha tinghata wara illi tigi pprezentata nota ta' ammissjoni da parti tal-konvenut.

Rat illi fl-istess seduta Dr. Rita Mifsud ghall-konvenut ipprezentat nota ta' ammissjoni fejn il-konvenuti ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-Rikors Maħluf fl-intier taghhom kif ukoll soggett ghall-kundizzjonijiet indikati fid-dokument BS1.

Il-Qorti ghalhekk tqis  it-talbiet huma ppruvati skont il-liġi.

**DECIDE**

Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara li l-konvenut Stefan Scicluna huwa debitur fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' mija wiehed u tmenin elf mija u hdax-il Ewro u zewg centezmi (€181,111.02), oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8%, dovuti mit-3 ta' Ottubru 2018 sal-pagament effettiv;

2.Tikkundannah sabiex ihallas dan l-ammont globali ta' mija wiehed u tmenin elf mija u hdax-il Ewro u zewg centezmi (€181,111.02), flimkien ma' interessi ulterjuri fuq l-ammont globali ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta Malta b'effett mit-3 ta' Ottubru 2018 sal-pagament effettiv ;

U dan suggett ghall-pattijiet surreferiti maqbula bejn il-partijiet.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur